

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Frar 2003

li tistabilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għal deterġenti tal-londri u li temenda d-Deċiżjoni 1999/476/KE

(notifikata taħt dokument numru C(2003) 143)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/200/KE)

(ĠU L 76, 22.3.2003, p. 25)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/63/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2007	L 16	26	19.1.2008
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009	L 318	43	4.12.2009



ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Frar 2003

li tistabilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għal deterġenti tal-londri u li temenda d-Deċiżjoni 1999/476/KE

(notifikata taħt dokument numru C(2003) 143)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/200/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 l-eko-tikketta Komunitarja tista' tingħata lill-prodott li jippossiedi karatteristiċi li jippermettulu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal titjib b'relazżjoni ma' aspetti prinċipali ambjentali.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li kriterji speċifiċi għall-eko-tikketta għandhom jiġu stabbiliti skond gruppi ta' prodotti.
- (3) Jipprovdi wkoll li r-reviżjoni tal-kriterji ta' l-eko-tikketta, kif ukoll l-istima u l-verifikazzjoni tal-ħtiġiet relatati mal-kriterji, għandhom iseħħu fi żmien biżżejjed qabel qabel it-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-kriterji speċifikati għal kull grupp ta' prodotti.
- (4) Huwa xieraq li jiġu riveduti il-kriterji ekoloġiċi li kienu stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/476/KE ta' l-10 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxu kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għad-deterġenti tal-londri ⁽²⁾ sabiex jirrifletti l-iżviluppi tas-suq. Fl-istess waqt, il-perjodu ta' validità ta' dik id-Deċiżjoni kif estiża bid-Deċiżjoni 2002/172/KE ⁽³⁾ u d-definizzjonijiet tal-gruppi tal-prodotti għandhom jiġu modifikati.
- (5) Deċiżjoni ġdida għandha tiġi adottata li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi ekoloġiċi għal dan il-grupp ta' prodotti, li għandha tkun valida għall-perjodu ta' ħames snin.
- (6) Huwa xieraq li, għal perjodu limitat ta' mhux aktar minn 18-il xahar, kemm il-kriterji l-ġodda u l-kriterji stabbiliti bid-Deċiżjoni 1999/476/KE għandhom ikunu validi flimkien, sabiex jippermettu żmien suffiċjenti biex il-kumpaniji li ingħataw jew applikaw għall-għoti ta' l-eko-tikketta għall-prodotti tagħhom qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li jadattaw daww il-prodotti biex jikkonformaw mal-kriterji l-ġodda.
- (7) Il-miżuri kif provduti f'din id-Deċiżjoni huma bbażati fuq l-abbozz tal-kriterji żviluppati mill-Bord ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-itikkettjar ekoloġiku stabbilit taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.
- (8) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat istitwit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

⁽¹⁾ ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 187, ta' l-20.7.1999, p. 52.

⁽³⁾ ĠU L 56, 27.2.2002, p. 32.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Sabiex jingħata l-eko-tikketta Komunitarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, deterġent tal-londri għandu jaqa' fil-grupp ta' prodotti "deterġenti tal-londri" kif definiti fl-Artikolu 2, u għandhom jikkonformaw mal-kriterji ekoloġiċi stipulati fl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Il-grupp ta' prodotti "deterġenti tal-londri" għandu jikkomprenhi d-deterġenti kollha tal-londri, f'forma ta' trab, likwida jew f'xi forma oħra, għall-ħasil ta' tessuti u li huma maħsuba biex jintużaw prinċipalment f'magni tad-dar, iżda mhux eskluż l-użu f'londris awtomatiċi u londris komuni.

L-Artikolu 3

Għal għanijiet amministrattivi in-numru tal-kodiċi tal-grupp tal-prodotti assenjat lil dan il-grupp ta' prodotti għandu jkun "6".

L-Artikolu 4

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/476/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 3

Id-definizzjoni tal-grupp tal-prodotti u l-kriterji speċifiċi ekoloġiċi għall-grupp tal-prodotti għandha tkun valida sal-31 ta' Awissu 2002."

▼M2*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-deterġenti tal-londri, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika marbutin magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2010.

▼B*L-Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



L-ANNESS

QAFAS

Il-miri tal-kriterji

Dawn il-kriterji jimmiraw b'mod partikolari li jippromwovu:

- iffrankar ta' trasport u enerġija billi jiffavorixxu deterġenti kompatti tal-londri,
- tnaqqis fit-tniġġiż ta' l-ilma biulli jitnaqqas il-volum ta' kimiċi totali wżati fil-prodotti u billi jillimitaw l-użu ta' ingredjenti potenzjalment perikolużi,
- tnaqqis ta' produzzjoni ta' skart billi jitnaqqas l-ammont ta' pakkeġġar primarju.

B'żieda, l-kriterji jtejjbu l-konsapevolezza ambjentali tal-konsumaturi. Il-kriterji huma f'fissati f'livelli li jippromwovu t-tikkettjar tad-deterġenti tal-londri li għandhom impatt ambjentali baxx.

Sțima u ħtiġiet ta' verifikazzjoni

L-istima speċifika u l-ħtiġiet ta' verifikazzjoni huma ndikati f'kull kriterju.

Fejn l-applikant huwa meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, rapporti ta' testijiet ta' analiżi, jew xi evidenza oħra biex juri l-konformità mal-kriterji, huwa miftiehem li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew il-provditur/i tiegħu u/jew il-provditur/i tiegħu, eċċ, kif xieraq.

Fejn possibbli, l-ittestjar għandu jitwettaq minn laboratorji li jikkonformaw mal-ħtiġiet ġenerali ta' EN OSI 17025 jew ekwivalenti.

Fejn xieraq, il-metodi tat-test barra minn dawk indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk il-Korp Kompetenti li jistma l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Il-konċentrazzjoni ta' ingredjenti fil-prodott, li timplika htiġa għad-dokumentazzjoni ta' konformità mal-kriterji ekoloġiċi, hija ġeneralment definita bħala $\geq = 0,1$ % skond il-piż tal-preparazzjoni. Din il-konċentrazzjoni hija definita bħala $\geq = 0,01$ % skond il-piż tal-preparazzjoni għall-kriterju dwar sustanzi jew preparazzjonijiet perikolużi, ta' ħsara jew tossiċi.

Appendiċi!A. jippreżenta d-*database* ta' l-ingredjenti tad-deterġenti (lista *DID*) li fiha l-ingredjenti l-aktar użati fil-formulazzjonijiet tad-deterġenti. Għandha tintuża biex tinkiseb id-*data* għall-kalkolazzjonijiet ta' CDV_{tox} u għall-istima tal-biodegradabilità tas-*surfactants*.

Fejn xieraq, l-applikant jista' juża reviżjonijiet sussegwenti tad-*database* ta' l-ingredjenti tad-deterġenti hekk kif isiru disponibbli.

Għal ingredjenti li m'humiex inklużi fil-lista *DID*, l-applikant għandu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess, isib il-valuri adattati għall-parametri rilevanti bili juża l-linja deskritta fl-Appendiċi IB.

Għal ingredjenti li m'humiex elenkati fil-lista *DID*, l-applikant jista' juża linja biex jipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa ta' degradabilità anerobika deskritta fl-Appendiċi IC.

Fejn xieraq, il-Korpi Kompetenti jistgħu jeħtieġa dokumenti ta' sostenn u jistgħu jwettqu verifikazzjonijiet indipendenti.

Il-Korpi Kompetenti huma rakkomandati li jagħtu kont ta' l-implimentazzjoni ta' skemi ta' mmaniġġar rikonoxxuti ambjentali, bħall-*EMAS* jew OSI 14001, meta jistmaw applikazzjonijiet u jimmonitorjaw il-konformità mal-kriterji (nota: m'huwiex meħtieġ li jiġu implimentati dawk l-iskemi ta' mmaniġġar).

Unità funzjonali u doża ta' referenza

L-unità funzjonali hija espressa fi g/ħasla (grammi kull ħasla). Għal deterġenti li jifilħu għall-istrapazz dan huwa relatat mad-doża kull tagħbija ta' 4,5 kg (tessuti niexfa) u għal deterġenti li ma jifilħux għall-istrapazz, għad-doża kull tagħbija ta' 2,5 kg (tessuti niexfa) fil-magna tal-ħasil. Id-doża rakkomandata mill-manifattur lill-konsumatur għal għebusija ta' ilma ta' 2,5 mmol $CaCO_3/l$ u tessuti "imhammga normali" hija meħuda bħala d-doża ta' referenza għall-kalkolazzjoni

▼B

tal-kriterji ekoloġiċi, u t-test tat-twettieq tal-ħasil. Jekk l-għebusija ta' l-ilma ta' 2,5 mmol CaCO₃/l ma tkunx relevanti fl-Istati Membri li fihom id-detrġent huwa *marketed*, l-applikant għandu jspecifika d-doża wżata bħala referenza.

KRITERJI**1. Kemikali totali**

Il-kemikali totali huma d-doża rakkomandata fi g/ħasla nieqes il-kontenut ta' ilma.

L-ammont ta' kemikali totali m'għandux jeċċedi l-100 g/ħasla.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti, flimkien mad-dettalji tal-kalkolazzjonijiet li juri l-konformità ma' dan il-kriterju.

2. Ingredjenti inorganiċi li ma jdubux

L-ammont totali ta' ingredjenti inorganiċi li ma jdubux fid-doża rakkomandata għandu jkun anqas minn 30 g/ħasla.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti, flimkien mad-dettalji tal-kalkolazzjonijiet li juri l-konformità ma' dan il-kriterju.

3. Tossiċità għal organiżmi akwatiċi

It-tossiċità kritika ta' diluzzjoni skond il-volum (CDV_{tox}) hija kalkolata għal kull ingredjent (i) bl-użu ta' l-ekwazzjoni li ġejja:

$$CDV_{tox} (ingredjenti) = \frac{\text{weight (i)} \cdot LF (i)}{LTE (i)} \cdot 1000$$

fejn il-piż (i) huwa l-piż ta' l-ingredjent għal kull doża rakkomandata, *LF* huwa l-fattur tat-tagħbija u *LTE* hija l-konċentrazzjoni ta' l-effett ta' tossiċità f'tul ta' żmien ta' l-ingredjent.

Il-valuri tal-parametri *LF* u *LTE* għandhom ikunu kif mogħtija fil-lista tad-*data-base* ta' l-ingredjent tad-deterġent (lista *DID*) fl-Appendiċi 1A. Jekk l-ingredjent in kwistjoni mhux inkluż fil-lista *DID*, l-applikant għandu jistma l-valuri tagħhom billi jsegwi l-linja deskritta fl-Appendiċi 1B. Is-*CDV_{tox}* huwa sommat għal kull ingredjent, li jafgħmel is-*CDV_{tox}* għall-prodott:

$$CDV_{tox} = \Sigma CDV_{tox(ingredjent)}$$

Is-*V_{tox}* tad-doża rakkomandata m'għandux jeċċedi l-4 500 l/ħasla.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti, flimkien mad-dettalji tal-kalkolazzjonijiet tas-*CDV_{tox}* li juri l-konformità ma' dan il-kriterju.

4. Fosfati

L-ammont totali ta' fosfati (bħala sodju *tripolyphosphate-STPP*) fid-doża rakkomandata m'għandux jeċċedi l-25 g/ħasla.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti, flimkien mad-dettalji tal-kalkolazzjonijiet li juri l-konformità ma' dan il-kriterju.

5. Biodegradabilità ta' *surfactants*

(a) Biodegradabilità lesta (erobika)

Kull *surfactant* użat fil-prodott għandu jkun biodegradabbli malajr.

▼B

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti. Il-lista *DID* (ara Appendiċi IA) tindika jekk *surfactant* speċifiku huwiex biodegradabbli erobikament jew le (jiġifieri dawk li jkollhom id-daħla ta' "Y" fil-kolonna dwar il-biodegradabilità erobika m'għandhom jintużaw). Għal *surfactants* li m'humiex inklużi fil-lista *DID*, l-informazzjoni rilevanti minn letteratura jew sorsi oħra, jew ir-riżultati adattati tat-test, li turi li huma erobikament biodegradabbli għandha tiġi provduta. It-testijiet għal biodegradabilità lesta għandhom ikunu kif imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mal-klassifikazzjoni, pakkeġġar u tikkettjar ta' sustanzi perikolużi⁽¹⁾, u l-emendi sussegwenti tagħha, b'mod partikolari l-metodi dettaljati fl-Anness V.C4, jew il-metodi tat-test ekwivalenti tagħhom OKEI 301 A-F, jew it-testijiet ekwivalenti tagħhom OSI. Il-prinċipju tiegħa ta' għaxart ijiem m'għandux japplika. Il-livelli li jgħaddu għandhom ikunu ta' 70 % għat-testijiet imsemmija fl-Anness V.C4(A) u C4(B) li jinsab mad-Direttiva 67/548/KEE (u t-testijiet ekwivalenti tagħhom OKEI 301 A u E u ekwivalenti OSI), u għandhom ikunu ta' 60 % għat-testijiet C4-C, D, E u F (u t-testijiet ekwivalenti tagħhom OKEI 301 B, C, D u F u l-ekwivalenti OSI).

(b) Biodegradabilità anerobika

Kull *surfactant* użat fil-prodott għandu jkun anerobikament biodegradabbli.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta. Il-lista *DID* (ara Appendiċi IA) tindika jekk *surfactant* speċifiku ikunx anerobikament biodegradabbli jew le (jiġifieri dawk li jkollhom id-daħla "Y" fil-kolonna dwar il-biodegradabilità anerobika m'għandhomx jintużaw). Għal *surfactants* li m'humiex inklużi fil-lista *DID*, l-informazzjoni rilevanti minn letteratura jew sorsi oħra, jew ir-riżultati adattati tat-test, li juri li huma anerobikament biodegradabbli għandha tiġi provduta. It-test ta' referenza għal degradabilità anerobika għandu jkun OSI 11734, *ECETOC* Nru 28 (Ġunju 1988) jew metodu ta' test ekwivalenti, bil-ħtieġa ta' 60 % degradabilità aħħarija taħt kondizzjonijiet anerobiċi. Metodu tat-test li jissimulaw il-kondizzjonijiet f'ambjent rilevanti anerobiku jistgħu wkoll jintużaw biex jiddokumentaw li 60 % tad-degradabilità aħħarija tkun inkisbet taħt kondizzjonijiet anerobiċi (ara Appendiċi IC).

6. Sustanzi jew preparazzjonijiet perikolużi, riskjużi jew tossiċi

(a) L-ingredjenti li ġejjin m'għandhomx ikunu nklużi fil-prodott, jew bħala parti tal-formulazzjoni jew bħala parti minn xi preparazzjoni nkluża fil-formulazzjoni:

- alkyl phenol ethoxylates (APEOs) u derivattivi tiegħu,
- *nitromusks* u *polycyclic musks*, inkluż per eżempju:
 - musk xylene: 5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene,
 - musk ambrette: 4-tert-butyl-3-methoxy-2,6-dinitrotoluene,
 - moskene: 1,1,3,3,5-pentamethyl-4,6-dinitroindan,
 - musk tibetina: 1-tert-butyl-3,4,5-trimethyl-2,6-dinitrobenzene,
 - musk ketone: 4'-tert-butyl-2',6'-dimethyl-3',5'-dinitroacetophenone,
 - HHCB: 1,3,4,6,7,8-hexahydro-4,6,6,7,8,8-hexamethylcyclopenta(g)-2-benzopyran,
 - AHTN: 6-acetyl-1,1,2,4,4,7-hexamethyltetralin,
- EDTA (ethylenediamine tetraacetate),
- NTA (nitritotriacetate).

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdidi dikjarazzjoni li s-sustanzi elenkati ma jkunux ġew inklużi fil-prodott.

(b) Melħ quaternary ammonium li m'humiex biodegradabbli malajr m'għandhomx jintużaw.

⁽¹⁾ ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.

▼B

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdi l-formulazzjoni eżatta tal-prodott, flimkien ma' dokumentazzjoni li turi l-biodegradabilità ta' xi melħ quaternary ammonium użat, u dikjarazzjoni ta' konformità ma' din il-ħtieġa.

- (ċ) It-total ta' phosphonates li m'humiex biodegradabbli malajr (erobikament) m'għandux jeċċedi $\leq 0,5$ g/ħasla fid-doża rakkomandata.

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdi l-formulazzjoni eżatta tal-prodott, flimkien ma' dokumentazzjoni li turi l-biodegradabilità ta' kull phosphonates użati, u dikjarazzjoni ta' konformità ma' din il-ħtieġa.

- (d) Ebda ingredjent m'għandu jiġi inkluż fil-prodott li huwa klassifikat jew li jista' jiġi klassifikat bħala:

- R40 (evidenza limitata ta' effetti karċinoġeniċi),
- R45 (jista' jikkawża l-kanċer),
- R46 (jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret),
- R49 (jista' jikkawża l-kanċer jekk jingħbed man-nifs),
- R50-53 (tossiku għall-organiżmi akwatiċi, jista' jikkawża effetti kuntrarji f'termini ta' żmien fit-tul fl-ambjent akwatiku),
- R51-53 (tossiku għall-organiżmi akwatiċi, jista' jikkawża effetti kuntrarji f'termini ta' żmien fit-tul fl-ambjent akwatiku),
- R59 (perikoluż għas-saff ta' l-ozone),
- R60 (jista' jfixxkel il-fertilità),
- R61 (jista' jikkawża ħsara lit-tarbija mhux imwiolda),
- R62 (riskju possibbli għal tfixxkil fil-fertilità),
- R63 (riskju possibbli ta' ħsara lit-tarbija mhux imwiolda),
- R64 (jista' jikkawża ħsara lil trabi li jerdgħu),
- R68 (riskji possibbli ta' effetti rriversibbli),

jew xi kombinazzjoni tagħhom skond id-Direttiva 67/548/KEE u l-emendi sussegwenti tagħha, jew skond id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tikkonċerna l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-klassifikazzjoni, pakkeġġar u tikkettjar ta' preparazzjonijiet perikolużi ⁽¹⁾, u l-emendi sussegwenti tagħha.

Kull sustanza jew ingredjenti ta' kull preparazzjoni wżati fil-formulazzjoni li teċċedi $\leq 0,01$ % tal-prodott finali għandha wkoll tħares il-ħtiġiet ta' hawn fuq.

Ebda preservattivi m'għandhom jintużaw li huma jew li jistgħu jiġu klassifikati bħala R50-53, ikun x'ikun l-ammont tagħhom.

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti. Kopji tal-materjal ta' folji ta' informazzjoni ta' sigurezza għandhom jiġu provduti għall-ingredjenti kolla (sew sustanzi jew preparazzjonijiet). Dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju għandha tiġi provduta mill-applikant.

- (e) Il-prodott m'għandux jiġi kklassifikat bħala R43 (jista' jikkawża sensibilizzazzjoni permezz ta' kuntatt mal-ġilda) skond id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tikkonċerna l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-klasifikazzjoni, pakkeġġar u tikkettjar ta' preparazzjonijiet perikolużi.

⁽¹⁾ ĠU L 200, tat-30.7.1999, p. 1.

▼B

Stima u verifikazzjoni: il-formulazzjoni eżatta tal-prodott għandha tiġi provduta lill-Korp Kompetenti, flimkien ma' kopji tal-materjal tal-folji ta' l-informazzjoni ta' kull ingredjent li għandhom jindikaw il-klassifikazzjoni rilevanti jew nuqqas tagħha ta' kull ingredjent, u wkoll dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

- (f) kull ingredjent miżjud mal-prodott bħala fwieħa għandu jkun ġie mnifatturat u/jew ittrattat billi jegwi l-kodiċi ta' prattika ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Fwieħa.

Stima u verifikazzjoni: dikjarazzjoni tal-konformità għandha tiġi pġrovduta.

7. Purità ta' l-enzimi

Il-mikro-organiżmu ta' produzzjoni ta' l-enzimi għandu jkun assenti mill-preparazzjoni finali ta' l-enzimi.

Stima u verifikazzjoni: rapport tat-test jew ċertifikat mill-produttur ta' l-enzimi għandu jiġi provdut lill-Korp Kompetenti.

8. Ħtiġiet ta' pakkeġġar

- (a) Jekk miljiet oħra ma jkunux provduti, il-piż totali tal-pakkeġġar primarju m'għandux jeċċedi 3,7 g kull ħasla għal pilloli u 1,7 g kull ħasla għall-prodotti l-oħra kollha.
- (b) Jekk miljiet oħra huma provduti il-piż totali tal-pakkeġġar primarju m'għandux jeċċedi 7 g għal kull ħasla u l-manifattur għandu jipprovdi miljiet oħra. Il-piż tal-pakkeġġar ta' miljiet oħra m'għandux jeċċedi l-1.7 g kull ħasla.
- (ċ) Lippakkeġġar tal-kartun għandu jikkonsisti fi ≥ 80 % materjal riċiklat.
- (d) Pakkeġġar primarju tal-plastik għandu jiġi tikkettjat skond l-OSI 1043.

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdi kampjun ta' l-ippakkeġġar, flimkien ma' dikjarazzjoni li tindika l-konformità ma' kull parti ta' dan il-kriterju. Kalkolazzjoni tal-piż ta' l-ippakkeġġar primarju u dikjarazzjoni fir-rigward tal-perċentwali tal-materjal riċiklat għandhom jiġu provduti lill-Korp Kompetenti. Pakkeġġar primarju kif definit fid-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar pakkeġġar u skart tal-pakkeġġar ⁽¹⁾.

9. Esekuzzjoni tal-ħasil

Il-prodott għandu jiġi mqabbel fl-esekuzzjoni tiegħu tal-ħasil ma' deterġenti ta' referenza ta' l-istess tip skond it-test ta' esekuzzjoni ta' l-UE għad-deterġenti eko "Għoti ta' l-eko-tikketta ta' l-UE għad-deterġenti tal-londri: test ta' esekuzzjoni ta' deterġenti tad-djar" (verżjoni 4 ta' Diċembru 2002 u l-emendi sussegwenti tagħha).

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test li jindika li l-prodott jikkonforma mal-ħtiġiet minimi definiti f'dan it-test.

10. Informazzjoni għall-konsumatur

- (a) Informazzjoni dwar il-pakkeġġar

It-test li ġej (jew ekwivalenti) għandu jidher fuq il-prodotti kollha tikkettjati eko fil-grupp tal-prodotti:

"ĦASIL AMBJENTALMENT TAJJEB IFFISSER:

- londri magħżula minn qabel (per eżempju, skond il-kulur, grad ta' ħmieġ, tip ta' fibri),
- ħasil b'tagħbija sħiħa,
- evita li jintuża deterġent iżżejjed, segwi l-istruzzjonijiet tad-doża,
- għażel ċikli tal-ħasil b'temperatura baxxa.

⁽¹⁾ ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 10.

▼B

Meta tuża dan il-rodott ittekkjat eko u ssegwi dawn l-istruzzjonijiet tkun qed tikkontribwixxi għal tnaqqis ta' tniġġiż ta' l-ilma, produzzjoni ta' skart u konsum ta' enerġija. Għal aktar informazzjoni żur il-*website* eko tikketta ta' l-UE: <http://europa.eu.int/ekolabel>."

Aktar informazzjoni dwar id-deterġent għandha tintgħamel disponibbli fuq talba. Għal dan il-għan, sentenza għandha tidher fuq l-ippakkeġġar li tgħid li jekk il-konsumatur jixtieq li jkun jaf aktar dwar id-deterġent, hu jew hi għandu jikkuntattja lid-dipartiment tal-konsumaturi jew lill-kumpanija jew lill-bejjiegħ bl-imnut.

(b) Istruzzjonijiet tad-doża

Jekk in-numru tas-*CPU* (unitajiet ta' kklijar ta' l-esekuzzjoni) fit-test ta' l-esekuzzjoni tal-*ħasil* ikun għola minn 24 it-test li ġej (jew ekwivalenti) għandu jkun inkluż fil-pakkett: "Tbajja' diffiċili jeħtieġu trattament speċjali qabel il-*ħasil*".

Ir-rakkomandazzjonijiet tad-doża għandhom jidhru fuq l-ippakkeġġar tal-prodott, flimkien ma' rakkomandazzjoni lill-konsumatur biex jikkuntattja lill-rovditur tiegħu ta' l-ilma jew lill-awtorità lokali sabiex ikun jaf il-grad ta' għebusija ta' l-ilma tiegħu tal-vit.

Id-doża rakkomandati għandhom ikunu speċifikati għal tessuti maħmuġin "normali" u "maħmuġin ħafna" u l-firxiet varji ta' l-għebusija ta' l-ilma rilevanti għall-pajjiżi konċernati u referiti bħala adattati għall-piż tat-tessuti. Jekk l-istruzzjonijiet tad-doża jingħataw permezz ta' mekkaniżmu tad-doża, il-volum tal-mekkaniżmu (f'ml) għandu wkoll jidher b'mod ċar fuq l-ippakkeġġar.

Sabiex il-konsumar jiġi mħajjar li jevita li juża deterġent iżżejjed u jsegwi l-istruzzjonijiet tad-doża, mekkaniżmu tad-doża (tazza) li turi skala ta' l-anqas fi gradi ta' 10 ml għandha tkun disponibbli fuq talba jekk ma tkunx inkluża fil-pakkett.

L-effiċjenza tal-*ħasil* għandha tiġi indikata u relatata ma' "maħmuġin normali" u l-firxiet varji ta' għebusija ta' l-ilma konsidrati..

Ir-rakkomandazzjonijiet tad-doża bejn firxa ta' għebusija ta' l-ilma 1 (artab), "maħmuġin normali" u l-ogħla firxa ta' għebusija ta' l-ilma (3 jew 4), "*heavily soiled*" m'għandhom ivarjaw b'aktar minn fattur ta' 2.

Id-doża ta' referenza wżata għat-test ta' eskuzzjoni tal-*ħasil* u għall-istima ta' konformità mal-kriterji ekoloġiċi dwar l-ingredjenti għandha tkun l-istess bħad-doża rakkomandata għal "maħmuġin normali" u l-għebusija ta' l-ilma li tikkorrispondi għal 2,5 mmol CaCO₃/l fl-Istat Membru li fih ikun twettaq it-test.

Jekk biss għebusija ta' l-ilma aktar baxxa minn 2,5 mmol CaCO₃/l hija nkluża fir-rakkomandazzjonijiet, id-doża massima rakkomandata għal "maħmuġin normali" għandha tkun aktar baxxa mid-doża ta' referenza msemmija fil-paragrafu li jiġi qabel.

(c) Informazzjoni u tikkettjar ta' l-ingredjenti

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 89/542/KEE tat-13 ta' Settembru 1989 li tikkonċerna t-tikkettjar ta' deterġenti u aġenti tat-tindif⁽¹⁾ għandha tiġi applikata.

Il-gruppi li ġejjin ta' ingredjenti għandhom jiġu tikkettjati indipendentement mill-massa tal-kontenut tagħhom:

- enżimi: indikazzjoni tat-tip ta' enżimi (per eżempju protease, lipase);
- aġenti li jippriservaw: karatterizzazzjoni u tikkettjar skond in-nomenklatura UIKPA;
- disinfettanti: karatterizzazzjoni u tikkettjar skond in-nomenklatura UIKPA.

Jekk il-prodott ikun fih il-fwieħa, dan għandu jkun indikat fuq il-pakkett.

⁽¹⁾ ĠU L 291, ta' 1-10.10.1989, p. 55.

▼B

Stima u verifikazzjoni: kampjun ta' l-ippakkeġġar tal-prodott għandu jiġi provdut lill-Korp Kompetenti, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' kull parti ta' dan il-kriterju.

11. Informazzjoni li tidher fuq l-eko-tikketta

Il-kaxxa 2 ta' l-eko-tikketta għandu jkun fiha t-test li ġej:

“* Jgħin biex jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-ilma

* Jgħin biex jitnaqqas il-konsum tar-riżorsi”.

Stima u verifikazzjoni: l-applikant għandu jipprovdi kampju tal-pakketti tal-prodott li juri t-tikketta, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

Appendiċi I.A

LISTA DID

Database ta' l-ingredjenti tad-deterġenti u l-linja li għandha tiġi segwita għal ingredjenti mhux elenkati fid-database

A. It-tagħrif mogħti hawn taħt dwar l-ingredjenti tad-deterġenti l-aktar komunement użati għandu jintuża għall-kalkolazzjoni tal-kriterji ekoloġiċi

Nota: il-parametri a *NBO*, *SI II*, *THOD* kif ukoll il-fatturi *CF* għal *NBO* m'humiex użati f'dan il-grupp ta' prodotti)

Database ta' ingredjenti tad-deterġenti (lista DID; verżjoni 29.9.98)

Nru DID	Ingredjenti	Tossiċità		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorganics (<i>II</i>)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						
	Surfactants anjoniċi								
1	C 10-13 LAS (Na 11.5-11.8, C14 < 1 %)	0,3	0,3	0,05	T, <i>CF</i> = 0,75	O	O	O	2,3
2	LAS ieħor (C14 > 1 %)	0,12	0,12	0,05	T, <i>CF</i> = 1,5	O	O	O	2,3
3	C 14/17 Alk. Sulfonate	0,27	0,27	0,03	T, <i>CF</i> = 0,75	O	O	O	2,5
4	C 8/10 Alkylsulfate	<i>EC</i> 50 = 2,9	0,15	0,02	O	O	O	O	1,9
5	C 12-15 AS	0,1	0,1	0,02	O	O	O	O	2,2
6	C 12-18 AS	<i>LC</i> 50 = 3	0,15	0,02	O	O	O	O	2,3
7	C 16/18 FAS	0,55	0,55	0,02	O	O	O	O	2,5
8	C 12-15 A 1-3 EO sulfat	0,15	0,15	0,03	O	O	O	O	2,1
9	C 16/18 A 3-4 EO sulfat	ebda tagħrif validu	0,1	0,03	O	O	O	O	2,2
10	C8- Dialkylsulfo succinate	<i>LC</i> 50 = 7,5	0,4	0,5	T, <i>CF</i> = 1,5	O	O	O	2
11	C 12/14 sulpho-fat,-acid methylester	<i>EC</i> 50 = 5	0,25	0,05	T, <i>CF</i> = 0,75	O	O	O	2,1
12	C 16/18 sulpho-fat,-acid methylester	0,15	0,15	0,05	T, <i>CF</i> = 0,75	O	O	O	2,3

▼B

Nru <i>DID</i>	Ingredjenti	Tossiċità		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorganics (<i>II</i>)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						
13	C 14/16 alpha olefine sulphonate	<i>LC</i> 50 = 2,5	0,13	0,05	T, <i>CF</i> = 0,75	O	O	O	2,3
14	C 14-18 alpha olefine sulphonate	<i>LC</i> 50 = 1,4	0,07	0,05	T, <i>CF</i> = 2,0	O	O	O	2,4
15	SOAPS (C12 — 22)	<i>EC</i> 0 = 1,6	1,6	0,05	O	O	O	O<	2,9
	Surfactants non-ijoniċi								
16	C 9/11 A > 3-6 EO lin. jew mono br.	<i>EC</i> 50 = 3,3	0,7	0,03	O	O	O	O	2,4
17	C 9/11 A > 6-9 EO lin. jew mono br.	<i>EC</i> 50 = 5,4	1,1	0,03	O	O	O	O	2,2
18	C 12-15 A 2-6 EO lin. jew mono br.	0,18	0,18	0,03	O	O	O	O	2,5
19	C 12-15 (przec. C < 14) A > 6-9 EO lin. jew mono br.	0,24	0,24	0,03	O	O	O	O	2,3
20	C 12-15 (Avg. C > 14) A > 6-9 EO	0,17	0,17	0,03	O	O	O	O	2,3
21	C 12-15 A > 9-12 EO	<i>LC</i> 50 = 0,8	0,3	0,03	O	O	O	O	2,2
22	C 12-15 A 20-30 EO	<i>EC</i> 50 = 13	0,65	0,05	O	O	O	O	2
23	C 12-15 A > 30 EO	<i>LC</i> 50 = 130	6,5	0,75	O	Y	O	O	0 (*)
24	C 12/18 A 0-3 EO	ebda tagħrif	0,01	0,03	O	O	O	O	2,9
25	C 12-18 A 9 EO	0,2	0,2	0,03	O	O	O	O	2,4
26	C 16/18 A 2-6 EO	0,03	0,03	0,03	O	O	O	O	2,6
27	C 16/18 A > 9-12 EO	<i>LC</i> 50 = 0,5	0,05	0,03	O	O	O	O	2,3
28	C 16/18 A 20-30 EO	<i>EC</i> 50 = 18	0,36	0,05	O	O	O	O	2,1
29	C 16/18 A > 30 EO	<i>LC</i> 50 = 50	2,5	0,75	O	Y	O	O	0 (*)
30	C 12/14 Glucose Amide	4,3	4,3	0,03	O	O	O	O	2,2
31	C 16/18 Glucose Amide	0,116	0,116	0,03	O	O	O	O	2,5
32	C 12/14 Alkylpolyglucoside	1	1	0,03	O	O	O	O	2,3

▼B

Nru <i>DID</i>	Ingredjenti	Tossiċità		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorga- nics (II)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						
	Surfactants amfoteriċi								
33	C 12-15 Alkyl dimethylbetaine	0,03	0,03	0,05	T, <i>CF</i> = 2,5	O	O	O	2,9
34	C12-18 Alkyl amidopropylbetaine	0,03	0,03	0,05	T, <i>CF</i> = 2,5	O	O	O	2,8
	Kontrolluri sud								
35	Silicone	eko = 241	4,82	0,4	T, <i>CF</i> = 0,75	Y	O	O	0,0
36	Pitrolju	ebda tagħrif	100	0,4	O	Y	O	O	0 (*)
	Trattib ta' materjal								
37	Glycerol	<i>LC50</i> > 5-10 g/ l	1 000	0,13	O	O	O	O	1,2
	Bennejja								
38	Phosphate bħala Sodium-tri-polyphosph- hate (<i>STPP</i>)		1 000	0,6	O	O	T	O	0,0
39	Zeolite A	120	120	0,05	O	O	O	T	0,0
40	Citrate	<i>EC50</i> = 85	85	0,07	O	O	O	O	0,6
41	Polycarboxylates u derivattivi relatati	124	124	0,4	T, <i>CF</i> = 0,1	Y	O	O	0 (*)
42	Tafal		1 000	0,05	O	O	O	T	0,0
43	Karbonat/biskarbonat	<i>LC50</i> = 250	250	0,8	O	O	T	O	0,0
44	Aċidu xaħmi (C = 14)	<i>EC0</i> = 1,6	1,6	0,05	O	O	O	O	2,9
45	Silicate/disilicate	<i>EC50</i> > 1 000	1 000	0,8	O	O	T	O	0,0
46	NTA	19	19	0,13	O	O	O	O	0,6
47	Polyaspartic acid. Na salt	125	12,5	0,13	T, <i>CF</i> = 0,1	O	Pozostale	O	1,2
	Ibbliċjar								
48	Perborate mono (bħal borate)	1-10	6	1	O	O	T	O	0,0

▼B

Nru <i>DID</i>	Ingredjenti	Tossiċità		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorganics (<i>II</i>)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						
49	Perborate tetra (bħal borate)	1-10	6	1	O	O	T	O	0,0
50	Percarbonate (ara karbonat)	LC50 = 250	250	0,8	O	O	T	O	0,0
51	TAED	eko = 500	eko = 500	0,13	O	O	O	O	2,0
	Solventi								
52	C 1- C 4 alkoħol	LC50 = 8 000	100	0,13	O	O	O	O	2,3
53	Monoethanolamine	0,78	0,78	0,13	O	O	O	O	2,4
54	Diethanolamine	0,78	0,78	0,13	O	O	O	O	2,3
55	Triethanolamine	0,78	0,78	0,13	O	O	O	O	2
	Mixxellanji								
56	Polyvinylpyrrolidon (PVP/PVNO/ PVPVI)	EC50 > 100	100	0,75	T, CF = 0,1	Y	O	O	0 (*)
57	Phosphonates	7,4	7	0,4	T, CF = 0,5	Y	O	O	0 (*)
58	EDTA	LO EC = 11	11	1	T, CF = 0,1	Y	O	O	0 (*)
59	CMC	LC50 > 250	250	0,75	T, CF = 0,1	Y	O	O	0 (*)
60	Na sulfat	EC50 = 2 460	1 000	1	O	O	T	O	0,0
61	Mg sulfat	EC50 = 788	800	1	O	O	T	O	0,0
62	Na chloride	EC50 = 650	650	1	O	O	T	O	0,0
63	Urea	LC50 > 10 000	100	0,13	O	O	O	O	2,1
64	Aċidu maleic	LC50 = 106	2,1	0,13	O	O	O	O	0,8
65	Aċidu malic	LC50 = 106	2,1	0,13	O	O	O	O	0,6
66	CA formiate		100	0,13	O	O	O	O	2,0
67	Silica		100	0,05	O	O	O	Y	0,0

▼B

Nru <i>DID</i>	Ingredjenti	Tossiċità		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorganics (<i>II</i>)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						
68	Polimeri b'MW għoli PEG >4000		100	0,4	O	O	O	O	0 (*)
69	Polimeri b'MW baxx PEG < 4000		100	0,13	O	O	O	O	1,1
70	Cumene sulphonate	<i>LC</i> 50 = 66	6,6	0,13	T, <i>CF</i> = 0,25	O	O	O	1,7
71	Xylene sulphonate	<i>LC</i> 50 = 66	6,6	0,13	T, <i>CF</i> = 0,25	O	O	O	1,6
72	Toluene sulphonates	<i>LC</i> 50 = 66	6,6	0,13	T, <i>CF</i> = 0,25	O	O	O	1,4
73	Na-/Mg-/KOH		100	1	O	O	Y	O	0,0
74	Enzimi	<i>LC</i> 50 = 25	25	0,13	O	O	O	O	2,0
75	Formulazzjoni ta' fwieħa kif użata	<i>LC</i> 50 = 2-10	0,02	0,1	T, <i>CF</i> = 3,0	Y	O	O	0 (*)
76	Kuluri	<i>LC</i> 50 = 10	0,1	0,4	T, <i>CF</i> = 3,0	Y	O	O	0 (*)
77	Lamtu	ebda tagħrif	250	0,1	O	O	O	O	0,97
78	Zn Phthalocyanine Sulfonate	0,16	0,016	0,07 (**)	T, <i>CF</i> = 2,5	Y	O	O	0 (*)
79	<i>Polyester</i> anijoniku (Polimeru li jirrilaxxa l-ħmieġ)	<i>EC</i> 50 = 310	310	0,4	T, <i>CF</i> = 0,1	Y	O	O	0 (*)
80	Iminodisuccinate	23	2,3	0,13	T, <i>CF</i> = 0,25	O	O	O	1,1
	Tleqqija ottika = FWA								
81	FWA 1 (¹)	<i>LCO</i> = 10	1,0	0,4	T, <i>CF</i> = 1,5	Y	O	O	0 (*)
82	FWA 5 (²)	3,13	3,13	0,4	T, <i>CF</i> = 0.5	Y	O	O	0 (*)
	Ingredjenti addizzjonali								
83	Alkyl Aminoxides (C12-18)	0,08	0,08	0,05	T, <i>CF</i> = 2,5	O	O	O	3,2
84	Glycereth (6-17EO) cocoate	<i>EC</i> 50 = 32	1,6	0,05	O	O	O	O	2,1
85	Phosphate esters (C12-18)	<i>EC</i> 50 = 38	1,9	0,05	T, <i>CF</i> = 0,25	O	O	O	2,3

▼B

Nru <i>DID</i>	Ingredjenti	Tossiċita		Fattur ta' tagħbija (<i>LF</i>)	Anerobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Erobiku mhux biodegradabbli (a <i>NBO</i>)	Soluble inorganics (<i>SI</i>)	Insoluble inorga- nics (II)	THOD
		NOEC imkejjel	LTE						

(¹) i 1 = Disodium 4,4-bis (4-anilino-5-morpholino-1,3,5-triazin-2-yl)amino stilbene-2,2-disulfonate.

(²) FWA 5 = Disodium 4,4-bis(2-sulfostryryl)biphenyl.

(*) *THOD* għal sustanzi organiċi erobikament non-degradabbli huwa ssettjat bħala żero.

(**) fotodegradazzjoni rapida.

Noti:

Y = iva, l-kriterju japplika.

O = le, il-kriterju ma japplikax.

LTE = konċentrazzjoni b'effett ta' żmien fit-tul.

NOEC = ebda effett ta' konċentrazzjoni ma kien osservat.

CF = fattur ta' korrezzjoni għal sustanzi organiċi anerobiċi mhux degradabbli.

THOD = domanda teoretika ta' ossiġnu.

▼B

Appendiċi LB

Il-linja li ġejja tapplika, kif xieraq fil-każ ta' ingredjenti li m'humiex elenkati fil-lista *DID*

Tossiċità akwatika

It-tagħrif ta' l-effett l-aktar baxx validat f'peridu ta' żmien fit-tul (*LTE*) fuq ħut, *daphnia magna* jew alka għandu jiġi kunsidrat għall-kalkolazzjoni tal-kriterju tat-tgħammid kritiku skond il-volum (tossiċità).

Fil-każi fejn it-tagħrif dwar *homologues* u/jew *QSARs* (relazzjonijiet kwantitattivi ta' attività ta' struttura) jintuża, korrezzjoni tista' tiġi konsiderata għat-tagħrif *LTE* li jingħażel fl-aħħar.

Fin-nuqqas ta' tagħrif *LTE* il-proċedura li ġejja għandha tiġi applikata sabiex jiġi smat it-tagħrif *LTE* bl-użu tal-fattur speċifiku ta' inċertezza (*UF*) dwar it-tagħrif ta' l-ispeċje l-aktar sensitiv:

Non surfactants

TAGĦRIF DISPONIBBLI	UF LI GĦANDU JINTUŻA
Ta' l-anqas 2 akuti LC_{50} fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	100
1 <i>NOEC</i> fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	10
2 <i>NOEC</i> fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	5
3 <i>NOEC</i> fuq ħut, <i>daphnia</i> jew alka	1
	Hu l- <i>NOEC</i> validat l-aktar baxx

Devjazzjoni minn din ir-regola tista' tiġi ammessa jekk evidenza tista' tiġi provduta li fatturi aktar baxxi jew tagħrif jistgħu jkunu xjentifikament ġustifikati. L-*NO EC* huwa l-ebda effett osservat ta' konċentrazzjoni (f'test kroniku tat-tossiċità).

Surfactants

TAGĦRIF DISPONIBBLI	UF LI GĦANDU JINTUŻA
Ta' l-anqas 2 <i>NOECs</i> fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	1 (<i>NOEC</i> l-aktar baxx)
1 <i>NOEC</i> fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	1 (<i>NOEC</i> , jekk l-ispeċje huwa l-aktar sensitiv f'tossiċità akuta) 10 (<i>NOEC</i> , jekk l-ispeċje m'humiex l-aktar sensitiv f'tossiċità akuta)
3 LC_{50} fuq ħut jew <i>daphnia</i> jew alka	20 (LC_{50} l-aktar baxx)
At least 1 LC_{50} fuq ħut, <i>daphnia</i> jew alka	50 (LC_{50} l-aktar baxx) jew 20 f'każi speċifiċi (ara hawn taħt)

Fl-aħħar każ imsemmi hawn fuq, il-fattur ta' inċertezza ta' 20 jista' jintuża minflok 50 biss jekk 1-2 $L(E)C_{50}$ (LC_{50} fil-każ ta' tossiċità tal-ħut, EC_{50} fil-każ ta' tossiċità tad-*daphnia* jew ta' l-alka) tagħrif huwa disponibbli u jekk jista' jiġi konkluż mill-informazzjoni għal komposti oħra li l-ispeċje l-aktar sensitiv kien ittestjat. Regola bħal dik tista' tiġi applikata biss għewwa grupp ta' *homologues*. Għandu jiġi emfasizzat li l-*LTEs* (effetti f'perjodu ta' żmien fit-tul) użati għandhom ikunu konsistenti fil-grupp ta' *homologues* fir-rigward ta' l-influenza ta', per eżempju, it-tul tal-katina alkyl għal-L *AS* (alkylbenzene sulphonate lineari) jew numru ta' *EOs* (gruppi ethoxy) għal alcohol-ethoxylate jekk daww l-*QSARs* jistgħu jiġu stabbiliti.


Kull devjazzjoni mill-iskema deskritta għandha tkun raġonata sew għall-kimika speċifika.

▼B

Fatturi ta' tagħbija

Il-fatturi tat-tgħabija għandhom ikunu stabbiliti skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE ta' 1-20 ta' Lulju 1993 li tippreskrivi l-prinċipji għall-istima tar-riskju għall-bniedem u l-ambjent ta' sustanzi ⁽¹⁾ notifikati skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 ⁽²⁾.

Organiċi mhux biodegradabbli (anerobiċi): dijagramma *flow* li tiddefinixxi l-fatturi ta' korrezzjoni (CF) ⁽³⁾



RB: biodegradabilità erobika lesta

LTE: effett f'terminu ta' żmien fit-tul

CF: fattur ta' korrezzjoni

⁽¹⁾ ĠU L 227, tat-8.9.1993, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1.

⁽³⁾ Il-fatturi ta' korrezzjoni huma stabbiliti fuq il-bażi tal-proprjetajiet ta' l-ingredjenti u applikati għad-doża espressa fi g/kull ħasla.



Appendiċi I.C

Dokumentazzjoni ta' biodegradabilità anerobika

Il-linja li ġejja tista' tintuża biex tipprovdi d-dokumentazzjoni meħtieġa għad-degradabilità anerobika fil-każ ta' ingredjenti li m'humiex elenkati fil-lista *DID*.

1. Applika estrapolazzjoni raġonevoli. Uża r-riżultati tat-test miksuba b'materja prima waħda biex testrapola id-degradabilità anerobika aħħarija għal *surfactants* strutturalment relatati. Jekk biodegradabilità ġiet konfermata għal *surfactant* (jew grupp ta' *homologues*) skond il-lista *DID*, jista' jiġi assunt li tip simili ta' *surfactant* huwa biodegradabbli anerobikament (per eżempju, C12-15 A 1-3 *EO* sulfat (*DID* Nru 8) huwa anerobikament biodegradabbli, u biodegradabilità simili anerobika tista' wkoll tiġi assunta għal C12-15 A 6 *EO* sulfat). Jekk biodegradabilità anerobika ġiet konfermata għal *surfactant* bl-użu ta' metodu addattat ta' test, jista' jiġi assunt li tip simili ta' *surfactant* huwa wkoll anerobikament biodegradabbli (per eżempju, letteratura ta' tagħrif li tikkonferma l-biodegradabilità anerobika *surfactants* li jagħmel parti mill-istess grupp ta' melħ alkyl ester ammonium tista' tintuża bħala dokumentazzjoni għal biodegradabilità simili anerobika ta' melħ ieħor quaternary ammonium li jkun fih ester-linkages fil-katina/i alkyl).
2. Wettag test ta' skrinjar għal degradabilità anerobika. Jekk ittestjar ġdid huwa meħtieġ, wettag skrinjar test bl-użu ta' OSI 11734, *ECETOC* Nru 28 Ġunju 1988) jew metodu ekwivalenti.
3. Wettag test ta' degradabilità b'doża baxxa. Jekk ittestjar ġdid huwa meħtieġ, u fil-każ ta' problemi esperimentali fil-każ tat-test ta' l-iskrinjar (per eżempju inibizzjoni minħabba tossiċità tas-sustanza tat-test), irrepeti l-ittestjar billi tuża doża baxxa ta' *surfactant* u mmonitorja d-degradazzjoni permezz ta' kejl f'14C jew analiżi kimiċi. Ittestjar f'dożi baxxi jista' jitwettag bl-użu ta' OKEI 308 (Awissu 2000) jew metodu ekwivalenti.